MELLIEHA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 25

15 ta' Settembru 2014

Minuti tal-Ewwel Parti tas-seduta Nru. 25 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn l-15 ta' Settembru 2014.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha. L-Ambaxxatur Lokali għaż-Żgħażagħ Erica Galea kienet skużata minħabba npenn ieħor. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti tas-seduta.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Kunsillier E. Bartolo ġibed l-attenzjoni għall-minuta 2.3.2. **(Ref: A/5/3/5/Vol V)** tas-seduta preċedenti u talab li tinqara kif ġej:

*"2.3.3.* Il-Kunsillier E. Bartolo aċċenna għall-minuta 11.4. tas-seduta preċedenti u qal li d-dati tal-Iljieli għandhom jkunu marbuta mal-Festi ta' Santa Marija u l-Vitorja. Huwa kkummenta li l-Iljieli Melleħin għandhom jitqiesu bħala *build up* għall-Festa tal-Vitorja jew l-għeluq tal-istess festa. Mandankollu, mhux biex jieħdu post il-Festa, li għandha tibqa' tingħata l-importanza u l-priorita` li jixirqilha. L-edizzjoni ta' din is-sena ġiet kmieni wisq biex titqies bħala *build up* għall-Vitorja. Huwa qal li meta l-Vitorja taħbat fi tmiem il-ġimgħa jkun jagħmel sens li l-Ijieli Melleħin isiru f'Awwissu, iżda meta ma jkunx hekk, ikun aħjar li dawn jsiru fi tmiem-il ġimgħa li jiġi wara l-Vitorja. Kompla jgħid li l-ewwel edizzjonijiet kienu saru eżatt wara l-Vitorja, biex tittieħed opportunita` li jkun għad hemm l-armar tal-festa kemm fit-toroq kif ukoll fil-knisja*.".*

1.2. Is-Sur E. Bartolo aċċenna wkoll għall-minuta 2.3.8. **(Ref: A/5/3/5/Vol V)** u talab li tiġi emendata kif jidher hawn taħt:

*"2.3.8. Il-Kunsillier E. Bartolo rrimarka li huwa ma jaqbilx li l-barbecues organizzati mill-għaqdiet jidħlu parti mill-Iljieli Melleħin, għaliex l-għaqdiet li jorganizzawhom għandhom jitħallew jaħdmu b'mod awtonomu billi jista' ikun hemm nies li jmorru għalihom kollha, u hekk tista' tiġi affettwata l-konkorrenza u l-introjtu li l-istess għaqdiet ikollhom minnhom. Dwar il-proposta li l-Iljieli jsiru fl-aħħar ġimgħa ta' Lulju, huwa qal li wieħed irid jara l-inpenji illi jkollhom il-baned dik il-ħabta. Għall-edizzjoni 2015, huwa jara li hemm żewġ għażliet, li jaħbtu mis-7 sad-9 ta' Awwissu, jew mil-11 sat-13 ta' Settembru.".*

1.3. Il-Kunsillier J. Attard irrefera għall-minuta 2.8.2. **(Ref: E/3/1/11)** u talab li tinqara kif jidher hawn taħt:

*"2.8.2. Il-Kunsillier J. Attard irrefera għall-minuta 4.7.1. tas-seduta ta' qabel u qal li minn kuntatti li huwa għamel mad-Diviżjoni tal-Edukazzjoni dwar il-kors*

*imsemmi taħt l-iskema Tagħlim Tul il-Ħajja (Lifelong Learning) jista' ikun hemm anzjani li jkollhom iħallsu jekk jieħdu iktar minn kors wieħed taħt l-iskema. Meta wieħed iqabbel dan mal-kors offrut mid-Dipartiment għall-Kura tal-Anzjani, is-sessjonijiet ser jonqsu fil-ħin minn siegħa u nofs għal siegħa, filwaqt li r-rata tal-ħlas tal-instructor ser tonqos ukoll minn €16.33 għal €11.65 kull siegħa. Huwa għarraf ukoll li l-frekwenza ser tonqos ukoll minn darbtejn għal darba fil-ġimgħa. Għaldaqstant huwa rrakkomanda li jitqabbad instructor pprovdut mid-Dipartiment għall-Anzjani u Kura fil-Komunita`, li huwa l-istess instructor illi kien qed jagħmel is-sessjonijiet qabel ma dawn twaqqfu għall-perjodu tas-sajf, peress li huwa kien imur tajjeb ħafna mal-anzjani. Kompla jispjega li d-Dipartiment u l-Kunsill ser jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż tal-kors nofs bin-nofs. Dan ser isir f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa, bejn Ottubru 2014 u Ġunju 2015.".*

1.4. Is-Sur E. Bartolo rrefera għall-minuta 2.10.3. **(Ref: P/4/32)** tas-seduta preċedenti u talab li tiżdied oħra 2.10.4. li tinqara kif ġej:

*"2.10.3. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li m'għandux dubju dwar dan u kien jinsab f'pożiżżjoni antipatika fuq l-istedina tal-Ministru E. Bartolo. Madankollu, għall-korrettezza huwa jaħseb li jkun aħjar jekk tintlaqa' l-proposta u dan sabiex ma jkunx hemm interpretazzjonijiet li jistgħu inisslu xi dubju.".*

1.5. Il-Kunsillier H. Fenech irrefera għall-minuta 4.4.3. (Ref: P/10/17) tas-seduta ta' qabel u talab li din tiġi emendata hekk:

*"4.4.2. Il-Kunsillier H. Fenech fakkar li f'Awwissu 2012 huwa kien ikkordina l-ewwel fażi ta' dan il-proġett. Kompla spjega li din il-fażi issa trid tiġi mwettqa bejn is-16 u s-26 ta' Frar 2015 u tinvolvi s-sehem ta' leader adult mgħejjun minn persuna żgħażugħa, kif ukoll minn ħames żgħażagħ oħra bejn l-etajiet ta' 18 u 22 sena. Intqal ukoll li qabel dan ser issir żjara f'Vecpielbalga bejn is-16 u t-18 ta' Diċembru 2014 bil-għan li jiġi ppjanat il-proġett. L-ispejjeż tal-ivjaġġar u l-akkomodazzjoni ser ikun parzjalment koperti permezz tal-finanzjament imsemmi.".*

1.6. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 4.5.2. **(Ref: K/1/5/Vol III)** tas-seduta ta' qabel u pproponiet li din tiġi mibdula kif ġej:

*"4.5.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.6.2. tas-seduta ta' qabel, kif ukoll għal ittra datata 18 ta' Awwissu 2014, mibgħuta mill-Kunsill Lokali msemmi fejn ingħataw aktar dettalji dwar il-festival annwali msejjaħ Toamna Cugireana li ser iseħħ bejn it-18 u t-22 ta' Settembru 2014. Is-Sur J. Buttigieg fakkar li ġew mistiedna numru ta' artisti, artiġġjani, u kantanti, li taw sehemhom fl-inizjattiva "L-Arti fil-Misraħ" u fl-"Iljieli Melleħin" u fost dawk li wrew interess kien hemm John V. Borg, Jade Borg, Ruth Borg, Carmen Sammut, Carol Attard Montalto, Ursola Gauci, Joe Grech, Alice Grech. Huwa kompla jgħid li f'dan l-istadju jrid jiġi stabbilit minn ser jattendi, flimkien mal-Viċi Sindku C. Bartolo u l-uffiċjal fis-Segretarju tal-Kunsill S. Borg.".*

1.7. Is-Sinjura A. Brincat Stellini aċċennat ukoll għall-minuta 4.7.2. **(Ref: K/1/5/4)** tas-seduta preċedenti u talbet li tinqara kif jidher hawn taħt:

*"4.7.2. Is-Sindku rrefera għal ittra datata 12 ta' Awwissu 2014, fejn is-Sindku ta' Agia Napa – Yiannis Karousos – stieden delegazzjoni mill-Kunsill, flimkien ma' artisti u artiġġjani mill-Mellieħa sabiex jieħdu sehem fl-Agia Napa Festival bejn is-26 u t-28 ta' Settembru 2014 u l-Festival Medjevali li ser iseħħ bejn it-12 u d-19 ta' Ottubru 2014, f'Agia Napa. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini pproponiet li l-għażla ta' dawn il-persuni ssir minn fost dawn li taw sehemhom fl-inizjattiva "L-Arti fil-Misraħ" u fl-"Iljieli Melleħin". Hija kompliet tgħid li fosthom hemm interessati li jattendu s-Sinjuri, Anna Bonello, Joe Bartolo, Maria Muscat.".*

1.8. Il-Kunsillier E. Bartolo ġibed l-attenzjoni għall-minuta 13.3. **(Ref: A/6/3/2/Vol 47)** tas-seduta ta' qabel u ppropona li din tiġi emendata kif jidher hawn taħt:

*"13.3. Il-Kunsillier E. Bartolo, filwaqt li kkummenta li din l-attivita` m'għandhiex tintilef, ġibed l-attenzjoni li billi l-attivita` ser issir il-Ħamis, jista' jkun li xi bdiewa jagħmlu l-biegħa u jeħtieġilhom imorru l-pitkalija.".*

1.9. Is-Sur E. Bartolo aċċenna wkoll għall-minuta 14.3. **(Ref: T/3/2/Vol XII)** tas-seduta preċedenti u talab li tiġi mibdula kif ġej:

*"14.3. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li dan mhux il-każ illi ssir speed camera, għaliex din tkun effettiva għal tul ta' 100 metru biss, u għalhekk jibqa' tul konsiderevoli biex ikun hemm sewqan abbużiv lil'hinn mir-range tagħha. Huwa għalhekk ippropona li jkun hemm l-assistenza tal-Pulizija.".*

1.10. Il-Kunsillier H. Fenech irrefera għall-minuta 25.4. **(Ref: B/5/Vol IV)** tas-seduta ta' qabel u aċċenna għall-mod kif huwa ġie kkwotat fil-minuti dwar l-ikkampjar waqt l-istaġun tal-kaċċa. Dan għar-raġuni li ma jirriflettix eżattament dawk li huwa ried jgħid u għalhekk talab li l-istess minuta titħassar u minflokha jidħol dan li ġej:

*"25.4. Il-Kunsillier H. Fenech irrimarka li l-pożiżżjoni addottata mill-għaqda mhijiex aċċettabbli fil-konfront tal-campers u qabel mas-Sindku li mhux ġust illi jinżammu l-permessi waqt l-istaġun tal-kaċċa, għaliex it-tnejn għandhom dritt jipprattikaw id-delizzju tagħhom. Huwa kompla jgħid li sabiex jiġu evitati konflitti jew inċidenti, kemm għall-kaċċaturi, kif ukoll għall-campers, għandhom jinżammu l-konfini stabbiliti mingħajr ma' xi parti oħra tidħol jew tokkupa xi nħawi jew ieħor. B'hekk kulħadd ikun jista jġawdi d-delizzju tiegħu.".*

1.11. Is-Sindku J. Buttigieg u l-Viċi Sindku C. Bartolo oġġezzjonaw għal emenda proposta fil-minuta 25.4., peress li t-test tagħha huwa preċiżament dak li ntqal mill-Kunsillier H. Fenech. Sabiex jiġi evitat kull dubju, is-Segretarju qal li jista' jsir użu mir-*recording* tas-seduta. Il-Kunsill ma approvax l-emenda proposta.

1.12. Apparti l-emenda għall-minuta 25.4., il-Kunsill approva l-minuti tas-Seduta Nru. 24 bl-emendi t'hawn fuq, u għaldaqstant s-Segretarju ġie mitlub jippubblikahom fis-sit elettroniku www.lc.gov.mt. Is-seduta ġiet trasmessa direttament permezz tal-internet.

## 2.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 2.1.1. Proġett bi sħab mal-Comune di Clusone fl-Italja (P/10/19)

2.1.2. Il-Kunsillier J. Attard rrefera għall-minuta 4.6.1. tas-seduta preċedenti dwar il-proġett *Cultura accessibile e per tutti: La cultura unisce i giovani europei con minori opportunita`*. Huwa ppropona li għandha tiġi mistħarġa l-possibilta` li studenti mill-iskejjel sekondarji taż-Żokrija, Pembroke u mill-H*igher Secondary* jipparteċipaw f'dan il-proġett. Huwa kompla jgħid li fost tal-aħħar hemm numru minnhom li jkunu qed jistudja biex iġibu suġġett fil-Livell Ordinarju, filwaqt li jkollhom ħafna attivitajiet li jkunu nformali.

2.1.3. Is-Sindku qal li mezz ieħor biex jinstabu l-ħmistax-il żgħażugħ meħtieġa, huwa li ssir stedina lill-għaqdiet biex jinnominaw persuna huma.

2.1.4. Il-Viċi Sindku C. Bartolo fakkar li f'dan l-istadju huwa magħruf biss li ż-żjara preliminari ser isseħħ bejn il-5 u s-7 ta' Ottubru 2014. Huwa qal li ser jevalwa l-proposti mressqa u jaħdem fuqhom.

### 2.2.1. Tlielaq ta' karozzi klassiċi (S/6/Vol IV)(A/6/3/2 Vol 47)

2.2.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo rrefera għall-minuta 13.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li huwa flimkien mal-Kunsillier J. Attard attendew konferenza stampa msejħa mill-organizzaturi tal-Valletta Grand Prix dwar it-Thomas Smith Mellieħa Hillclimb, li ser issir f'Dawret il-Mellieħa fid-9 ta' Ottubru 2014 bejn it-8.30am u t-3.00pm. Is-Sur C. Bartolo qal li l-involviment tal-Kunsill ser ikun fl-ipproċessar tal-permess dwar l-attivita`, kif ukoll l-ħlas marbut mal-kontroll tat-traffiku, sabiex tkun tista' tingħalaq it-triq bejn ir-roundabouts kantuniera ma' Triq il-Marfa u dik kantuniera ma' Triq Qasam Barrani. Huwa qal ukoll li l-ipparkjar tal-karozzi tal-parteċipanti ser isir fil-parti li ser tingħalaq, filwaqt li Dawret il-Mellieħa ser tibqa' miftuħa għat-traffiku li jkun sejjer lejn iċ-Ċirkewwa.

2.2.3. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li l-organizzaturi għadhom ma ssottomettew ebda applikazzjoni formali, skont il-proċedura stabbilita, u hekk ikun jista' jintalab il-kunsens tal-Pulizija u Transport Malta.

2.2.4. Is-Sur C. Bartolo qal ukoll li wara l-attivita` il-parteċipanti ser ikollhom ikla fil-Mellieħa stess u għalhekk qed jitolbu ħames spazji għall-ipparkjar fi Triq Ġorġ Borg Olivier, bejn Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II u Triq San Publiju.

2.2.5. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li jinħareġ il-permess bl-istess kundizzjonijiet normali applikabbli għall-avvenimenti li jsiru f'Dawret il-Mellieħa.

### 2.3.1. Stedina mill-Comune di Aquaviva delle Fonti (K/1/5/1/Vol III)

2.3.2. Is-Sindku aċċenna għall-minuta 11.1. tas-seduta ta' qabel u għarraf li mhux ser ikun possibbli li l-Banda Imperial tieħu sehem f'Aquaviva delle Fonti, minħabba li ma kienx hemm żmien biżżejjed biex tħejji lil bandisti tagħha. Kompla jgħid illi mill-kuntatti li kien hemm mas-Sindku Dott. Davide Francesco Ruggero Carlucci rriżulta li ser jittellgħa seminar bejn is-17 u d-19 ta' Ottubru 2014 dwar prodotti tipiċi tal-lokalitajiet. Għaliħ ġew mistiedna s-Sindki tal-lokalitajiet li kienu fil-Mellieħa f'Awwissu 2014 għall-konferenza "*Bringing the EU Closer to the Local Communities*" .

2.3.3. Kien hemm qbil li għandu jattendi s-Sindku flimkien ma' uffiċjal mill-Kunsill.

### 2.4.1. Korsijiet tal-*aerobics* għall-anzjani (E/3/1/11)

2.4.2. Il-Sindku rrefera għall-minuta 2.8.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li l-kors tal-*aerobics* illi ser jsir flimkien mad-Dipartiment għall-Kura tal-Anzjani, ser jiġi mniedi mis-Segretarju Parlamentari għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilita` u l-Anzjanita` Attiva l-Onor. Justine Caruana. Dan ser iseħħ fit-3 ta' Ottubru 2014 f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa fit-8.30am.

2.4.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.5.1. Ħarġa lejn Smart City (A/5/5/Vol VII)

2.5.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 20.1. tas-seduta preċedenti u għarrfet li għal ħarġa msemmija ser ikun hemm konkorrenza tajba, tant li mtlew żewġ *coaches* u l-ħlas għaliha ser ikun ta' €3.00 kull persuna.

2.5.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 21/08/14;
- Skeda ta' Pagamenti – 01/08/14 – 21/08/14;
- Skeda ta' korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet;
- Rendikont Finanzjarju – April / Ġunju 2014

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Tqegħid ta' imwejjed u siġġijiet fi Triq Ġorġ Borg Olivier (T/4/10)

4.1.2. Saret referenza għal ittra datata 7 ta' Awwissu 2014, mibgħuta mill-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu fejn il-proprjetarju ta' La Rampa Restaurant intalab jottjeni l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex jitpoġġew imwejjed u siġġijiet quddiem l-istess stabbiliment.

4.1.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni billi l-bankina bl-ebda mod ma hi ser tiġi mxekkla.

### 4.2.1. Kompetizzjoni bil-*powerboats* fl-Għadira (A/6/3/2 Vol 46)

4.2.2. Saret referenza għal imejl datat 26 ta' Awwissu 2014, mibgħut mill-Kumitat Organizzattiv tat-*Thundercat Worlds* fejn għarrfu li fil-25 u s-26 ta' Ottubru 2014 ser ikun hemm tlielaq bil-*powerboats* fuq bażi nazzjonali fil-Bajja tal-Għadira. Is-Sindku qal li fil-11 ta' Settembru 2014 saret laqgħa mal-organizzaturi, li attendew għaliha uffiċjali tal-Pulizija, mit-Transport Malta u mill-Malta Public Transport. Fl-istess laqgħa kien hemm qbil fost l-uffiċjali msemmija illi mhux possibbli li jingħalqu żewġ karreġġjati ta' Triq il-Marfa fid-direzzjoni lejn il-Mellieħa, minħabba l-ammont ta' superviżjoni li dan jirrikjedi, kif ukoll t-tul ta' ħin li din trid tingħalaq – bejn il-Ġimgħa 24 u l-Ħadd 26 ta' Ottubru 2014. Għaldaqstant kien hemm qbil illi l-parti li għandha tingħalaq tkun bejn ir-*roundabout* ta' Dawret il-Mellieħa sa Dawret it-Tunnara. Minkejja dan, xorta waħda ser jiġi affettwat is-

servizz bil-karozzi tal-linja għar-residenti tal-Mellieħa u għalhekk inġibdet l-attenzjoni li jeħtieġ ikun hemm *shuttle service* bejn l-Għadira u l-*interchange* fi Triq l-Iżbark tal-Franċiżi. Kemm-il Pulizija, kif ukoll Transport Malta mhux lesti li jagħmlu tajjeb għal dawn l-ispejjeż. Transport Malta kkwotat l-ispiża għal dan is-servizzi li tlaħħaq €2,300.

4.2.3. Is-Sindku qal li huwa ġie mgħarraf mill-organizzaturi illi l-attività` ġiet trasferita għal lokalita` oħra minħabba l-problemi loġistiċi li tinvolvi.

4.2.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 4.3.1. Twaqqigħ u bini mill-ġdid tal-kumpless Belleview fi Triq il-Kbira (P/5/K)

4.3.2. Il-Kunsill ġie nfurmat li l-kuntrattur inkarigat mit-twaqqigħ tal-bini msemmi talab li għal perjodu ta' ħmistax-il jum jingħalaq il-parkeġġ li hemm bejn Triq in-Nases u Triq il-Fortizza, kif ukoll ma jitħalliex jidħol traffiku ġo Triq il-Fortizza direttament minn Triq il-Kbira. Dan minħabba li jrid jaħdem mit-triq bil-makkinarju biex ikun jista' jinqata l-blat li fadallu jaqta' mis-sit in kwistjoni.

4.3.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni sakemm jinkiseb il-permess ta' Transport Malta, kif ukoll li r-residenti jiġu notifikati li dan l-arranġament ser ikun wieħed temporanju li ma jieħux iktar minn tliet ġimgħat.

## 4.4.1. Kwestjonarju dwar il-Ħajja fil-Mellieħa (K/14)

4.4.2. Saret referenza għal ittra datata 19 ta' Awwissu 2014, mibgħuta mill-Għaqda Soċjali 8 ta' Settembru fejn intqal li huma konxji li l-Kunsill jixtieq li jiltaqa' magħhom fil-preżenża tal-Professur J. Troisi, iżda xorta waħda jixtiequ li ssir laqgħa qabel dwar ir-rapporti li ħarġu mill-kwestjonarju.

4.4.3. Il-Kunsill iddeċieda li l-laqgħa ssir fit-13 ta' Ottubru 2014 fis-7.30pm, wara li jinkisbu r-rapport f'forma diġitali.

## 4.5.1. Applikazzjonijiet li jsiru mill-Kunsill mal-MEPA (C/1/Vol XIV)

4.5.2. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni għall-Memo 24/2014 tat-22 ta' Awwissu 2014, mibgħut mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn intalbet lista' ta' applikazzjoni pendenti li l-Kunsill għandu mal-MEPA. Fl-istess memo ngħataw struzzjonijiet sabiex kull Kunsill Lokali jibda jinforma lid-Dipartiment b'kull applikazzjoni li jkun ser jissottometti quddiem il-MEPA. Din l-informazzjoni għandha tintbagħat lid-Dipartiment qabel ma l-Kunsill jissottometti l-applikazzjoni quddiem il-MEPA u għandha tinkludi *brief* finanzjarju tal-proġett relatat.

4.5.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 4.6.1. Festa tal-Qara' Aħmar (S/6/Vol VI)

4.6.2. Saret referenza għal imejl datat 3 ta' Settembru 2014 mibgħut mill-Koperattiva Rurali tal-Manikata, fejn l-istess koperattiva appellat għall-kolloborazzjoni tal-Kunsill fl-organizzazzjoni ta' din l-attività` li ser issir fil-Manikata fis-26 ta' Ottubru 2014. Fl-istess imejl ġie propost li l-Kunsill jipprovdi s-servizz tal-*audio* u l-kiri tal-palk u l-kannizzati, filwaqt li jalloka spazju fuq il-*billboard* tiegħu li hemm fit-Telgħa ta' Selmun. Huwa qal ukoll li ġiet diskussa l-possibilta` li jsir servizz ta' *park-and-ride* mill-parkeġġ ta' Għajn Tuffieħa sal-Manikata. Intalab ukoll li l-latrina pubblika ta' Ġnien iż-Żerniq tinfetaħ dakinhar bejn it-8.00am u l-5.00pm.

4.6.3. Il-Kunsill iddeċieda li s-sehem tiegħu m'għandux jaqbeż l-ispiża ta' €300.

## 4.7.1. Inċident fi Triq it-Tramuntana (D/5/Vol II)

4.7.2. Is-Segretarju rrefera għal inċident li ġara fid-9 ta' Awwissu 2014, fejn vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni CBW 356 saritilha ħsara wara li sfrondat grada ta' sprall għall-ilma tax-xita fi Triq it-Tramuntana. Il-kumpanija tal-assikurazzjoni li tkopri s-sid tal-vetturi msemmija stmat l-ispejjeż involuti għal €604.74. Is-Sur C. Debono qal li l-każ ġie mgħoddi lill-kumpanija tal-assikurazzjoni li tkopri lill-Kunsill u din uriet li lesta tkopru €104.74 mit-total, peress li hemm *excess* ta' €500 fuq il-polza li għandu l-Kunsill.

4.7.3. Wara li l-Kunsill ra r-rapport tal-Pulizija u ħa in konsiderazzjoni li Triq it-Tramuntana taqa' fir-responsabilita` tiegħu, iddeċieda li jagħmel tajjeb għad-differenza ta' €500.

**4.8.1. Batterija tal-Mistra (R/2/Vol II)**

4.8.2. Saret referenza għal imejl datat 12 ta' Settembru 2014, fejn il-Fondazzjoni Wirt Artna aċċennat għall-ammont ta' skart li qed jitħalla qrib il-batterija msemmija, kif ukoll għall-barbecues u l-vandaliżmu li qed isir fl-istess post. Billi l-post huwa pubbliku, il-fondazzjoni talbet l-intervent tal-Kunsill sabiex titwaħħal xatba bil-għan li jitrażżnu dawn l-abbużi. Il-fondazzjoni reġgħet stiednet lill-Kunsillieri jaraw il-progress li sar fir-restawr tal-batterija li issa qed joqrob lejn it-tmiem tiegħu.

4.8.3. Il-Kunsill kien tal-fehma illi l-għeluq ta' aċċess bil-vetturi ma taqax fil-kompetenza tiegħu, filwaqt li jista' ikun il-każ li aktar 'il ġewwa hemm min għandu r-raba li jidħol għalih min-naħa tal-Mistra. Kien hemm qbil li t-tip ta' xatba proposta tista' faċilment tiġi vandalizzata, filwaqt li tiġi tispikka estetikament.

**4.9.1. Twaħħil ta' tabelli bir-riklami (T/4/3/Vol II)**

4.9.2. Saret referenza għal imejl datat 14 ta' Settembru 2014, mibgħut mill-operatur ta' Orange Shark Dive Centre sabiex jitpoġġew tliet tabelli ta' daqs 60cm x 80cm, f'Dawret il-Mellieħa, kantuniera ma' Triq il-Marfa, qabel ir-*roundabout* tat-Telgħa tal-Aħrax u fil-Marfa.

4.9.3. Il-Kunsill ma approvax din it-talba skont il-*policy* li ġiet addottata.

**5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti**

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 12 ta' Settembru 2014.

5.3. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-isemmija skeda.

**6.1. Talbiet għal Ħlasijiet marbuta ma' Servizzi u Materjal**

6.2. Tressqet skeda ta' pagamenti li tkopri bejn it-22 ta' Awwissu u l-11 ta' Settembru 2014.

6.3. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha u għaldaqstant kien hemm qbil li l-istess skeda għandha tiġi ppubblikata fis-sit elettroniku www.lc.gov.mt.

**7.1. Sejħa għall-Offerti 5/2014 – Provista u twaħħil fil-post ta' bandla għall-persuni li jużaw is-siġġu tar-roti għall-*Playing Field* ta' Triq l-Erwieħ (P/4/14)**

7.2. Is-Sindku ssusspenda s-seduta sabiex il-*Contracts Manager* jressaq ir-rapport tekniku tiegħu. Tressqet ukoll skeda ta' offerti li saru sad-data tal-għeluq, li kienet kif ġej:

| Item Nru. | Deskrizzjoni | Kwt | Kejl | D.G. Health-care Ltd | M-Quip Ltd | F.G.L. Commercial Sales (Option A) | F.G.L. Commercial Sales (Option B) | J.G.C. Ltd | Stima |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Ammont inkluża VAT (€) | | | | | |
| 1 | *Supply, transport and fix in place with frame, complete with all necessary parts, fittings and mountings. The swing shall be adequate for the use by wheelchair bound persons. Technical specifications are to be submitted with this tender. (Use zone 10.0m x 6.5m)* | 1 | Nru. | 12,155.25 | 5,757.25 | 5,215.00 | 7,193.00 | 4,995.00 | 1,700.00 |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 2 | *Supply, transport and fix in place pull chain attachment as ancillary facility to Item 1 above, complete with all necessary parts, fittings and mountings. Technical specifications are to be submitted with this quotation. (Use Zone 12.2m x 4.2m).* | 1 | Nru. | | | | | | 250.00 |
| 3 | *Dismantle and re-fix in place spring type children equipment, including all necessary parts, fittings and mountings.* | 3 | Nru. | 99.75 | 120.00 | 165.00 | 165.00 | 150.00 | 450.00 |
| | | | TOTAL (€) | 12,255.00 | 5,877.25 | 5,380.00 | 7,358.00 | 5,145.00 | 2,400.00 |

7.3. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li d-dokumentazzjoni kollha mitluba fid-dokument tal-offerta kienet inkluża fis-sottomissjonijiet li saru. Il-Perit J. Attard spjega li l-aktar offerta baxxa hija kompatibbli mal-ispeċifikazzjonijiet mogħtija fid-dokument tal-offerta.

7.4. Meta tkompliet is-seduta, il-Kunsill ra li kull offerent kien issottometta d-dokumenti rekwiżiti skont il-liġi u dawk mitluba fid-dokument tal-offerti.

7.5. L-offerta ta' D.G. Healthcare Ltd ġiet eliminata minħabba li l-prezz ikkwotat kien għoli wisq mqabbel ma' tal-offerenti l-oħra.

7.6. Wara li l-Kunsill ra r-ritratti nklużi mas-sottomissjonijiet li saru minn J.G.C. Ltd, F.G.L. Commercial Sales (*Option* A), u M-Quip Ltd, ma ħariġtx ċar biżżejjed jekk persuna fuq is-siġġu tar-roti waħedha tkunx teħtieġ l-għajnuna ta' persuni oħra biex titla' ir-rampa tal-bandla, u tagħlaqha 'l ġewwa qabel tibda titbandal. Ġie propost li l-offerenti li ġew *shortlisted*, għandhom jintalbu jindikaw kemm jittieħed żmien biex tiġi pprovduta l-bandla wara li tinħareġ l-ittra ta' aċċettazzjoni mill-Kunsill.

## 8.1. Rendikont Finanzjarju – April / Ġunju 2014 (F/1/1/Vol II)

8.2. Id-diskussjoni fuq dan is-suġġett tħalliet għall-kontinwazzjoni tas-seduta, peress li kien sar il-ħin.

## 9.1. Kuntratt dwar il-Ġbir tal-Iskart Organiku (K/6/2/Vol IV)

9.2. Id-diskussjoni fuq dan is-suġġett tħalliet għall-kontinwazzjoni tas-seduta, peress li kien sar il-ħin.

## 10.1. Sitwazzjoni tat-Traffiku fil-Manikata (T/3/2/Vol XII)

10.2. Billi kien sar il-ħin, id-diskussjoni fuq dan is-suġġett ġiet posposta għas-seduta li jmiss.

## 11.1. Ġbir ta' plastik użat mill-bdiewa (K/6/12)

11.2. Is-Segretarju għarraf li WasteServ (Malta) Ltd laqat talba mill-Kunsill sabiex jitpoġġew żewġ *skips* fil-limiti tal-Mellieħa u l-Manikata bil-għan li l-bdiewa jkollhom fejn jiddisponu mill-plastik użat fir-raba tagħhom. Dan jinvolvi t-tqegħid ta' *skips* apposta fil-postijiet indikati hawn taħt:

- Nhar ta' Tlieta fi Triq il-Wilġa, Manikata fejn il-Pompa tad-Drenaġġ; u
- Nhar ta' Ħamis fl-inħawi Ta' Qasam Barrani fit-triq magħrufa bħala "Ta' Gallina".

11.3. L-i*skips* ser jitpoġġew fis-7.00 ta' filgħodu u jinġabru fit-3.00 ta' wara nofsinhar. Is-Segretarju għarraf li s-servizz jista' jibda jingħata minn nhar it-Tlieta 28 ta' Ottubru fil-Manikata, u l-Ħamis 30 ta' Ottubru 2014 f'Qasam Barrani u jkompli b'mod regolari skont ir-rispons li jkun hemm. Il-WasteServ għamilitha ċara li dan jista' jitwaqqaf minħabba

raġunijiet oħra li jista' ikollhom. Il-Kunsill ġie mgħarraf li d-Dipartiment tal-Agrikoltura ġie kkuntattjat sabiex tintbagħat ittra lill-bdiewa kollha tal-lokalita` bil-għan li jkunu jafu bis-servizz.

11.4. Il-Kunsill innota u approva l-arranġamenti li saru.

## 12.1. Restawr tal-Għajn tal-Mellieħa (R/2/3)

12.2. Il-seduta ġiet sospiża sabiex il-Perit J. Attard ingħata l-opportunita` jaġġorna lill-Kunsill bl-andament tax-xogħol fuq il-proġett imsemmi. Ġie spjegat li r-restawr u r-rijabilitazzjoni tal-għajn ġie fi tmiemu, iżda waqt ix-xogħol instab kanal u mina oħra li kienet tieħu l-ilma tax-xita li jinżel minn Triq Dun Franġisk Sciberras L-istess mina taqsam Triq il-Marfa u tispiċċa eżattament quddiem dik li ġiet mnaddfa ftit ġimgħat qabel, li tieħu l-ilma li jinġabar minn Triq il-Kbira, Triq Ġorġ Borg Olivier u mill-parti ta' fuq ta' Triq il-Marfa. Dawn iż-żewġ mini kienu mblukkati totalment b'oġġetti u naqal li nġarru mill-ilmijiet tax-xita fuq medda ta' diversi snin. Il-Perit Attard spjega li l-parti l-kbira ta' dan ix-xogħol qed isir bl-idejn.

12.3. Hekk kif tkompliet is-seduta, is-Sindku qal li jeħtieġ issir tindifa tal-iskart li nġabar taħt is-siġar, kif ukoll jinżabru l-istess siġar tal-oleander li hemm fuq naħa waħda tal-għajn.

12.4. Il-Kunsill innota u approva x-xogħlijiet addizzjonali deskritti fil-minuta 13.2 aktar 'il fuq, kif ukoll qabel li għandhom jinġiebu stimi dwar it-tindif u ż-żbir tas-siġar imsemmija fil-minuta 13.3.

## 13.1. Sejħa Nru. 7/2014 – Dwal ġodda fi Triq Dun Manwel Grima u Misraħ il-Parroċċa, Manikata (P/4/31)

13.2. Is-Sindku għarraf li s-sejħa għalqet fil-15 ta' Settembru 2014 u kien hemm żewġ offerti li ġew sottomessi minn Mica Med Ltd u M. & E. Contractors. Mica Med Ltd issottomettew żewġ għażliet li kienu jvarjaw minn €84,947 għal €78,978, filwaqt li M. & E. Contractors ikkwotaw is-somma ta' €57,714. Id-dokumenti relattivi ġew mgħoddija lill-Galea Curmi Engineering Consultants għall-evalwazzjoni teknika tagħhom qabel ma' is-suġġett jinġieb quddiem it-*Tender Adjudication Board*.

13.3. Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet.

## 14.1. Anniversarju ta' erba' ġrajjiet storiċi (A/5/3/Vol XIII)

14.2. Il-Kunsillier E. Bartolo fakkar li l-2014 taħbat il-ħamsin sena mill-ksib tal-Indipendenza, l-erbgħin sena minn meta Malta saret repubblika, il-ħamsa u tletin sena mit-tmiem tal-bażi militari Ingliża, u l-għaxar anniversarju mid-dħul fl-Unjoni Ewropea. Huwa kompla jgħid li jkun xieraq jekk il-Kunsill ifakkar dawn l-erba' avvenimenti storiċi b'aċċenn fuq il-Mellieħa. Għaldaqstant ippropona li tittellgħa attivita` f'xi data qabel l-aħħar tas-sena, li possibilment tkun il-ġimgħa. Din tkun tikkonsisti minn introduzzjoni mis-Sindku u preżentazzjoni minn storiku u ekonomista, fejn jiġi trattat it-tibdil li għaddiet minnu l-Mellieħa b'riżultat ta' dawn l-avvenimenti. Is-Sur E. Bartolo qal ukoll li din l-attivita` tista' issir fis-Sala tal-Komunita` fl-Iskola Primarja tal-Mellieħa u tkun imżewqa b'mużika li tmur mal-okkażjoni.

14.3. Is-Sindku qal li huwa jaqbel mal-proposta u ssuġġerixxa li jitwaqqaf kumitat magħmul minnu, u l-kunsillieri E. Bartolo u A. Brincat Stellini sabiex tiġi diskussa aktar fid-dettal.

## 15.1. Aċċessibilta' għall-parapett f'Misraħ il-Parroċċa (T/3/2/Vol XII)

15.2. Is-Sindku għarraf li huwa ġie avviċinat minn persuna b'diżabilita` li qed isib diffikulta` biex jaċċessa l-parapett imsemmi minn Triq il-Madonna tal-Għar, minħabba vetturi li jkun hemm pparkjati fuq iż-żewġ naħat tagħha fil-parti bejn Misraħ il-Parroċċa u Triq it-Tramuntana. Is-Sur J. Buttigieg, ippropona li jsiru linji sofor doppji fuq naħa waħda tat-triq.

15.3. Il-Kunsill approva l-proposta u ddeċieda li għandha ssir talba lil Transport Malta.

**AĠĠORNAMENT**

L-ewwel parti tas-seduta spiċċat fl-11.30pm u ġie deċiż li l-kontinwazzjoni tagħha ssir nhar it-Tlieta 30 ta' Settembru 2014 fis-7.30pm.



John Buttigieg
**Sindku**



Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**